MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 239/2005

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici u B zzewgu fi Gwardamangia fid-29 t'Ottubru 1989, minn liema zwieg huma kellhom tliett itfal.

Illi dan iz-zwieg gie iskritt fir-Registru Pubbliku ta’ Malta bhala Att bin-Numru Progressiv 2080 ta’ l-1989 (dokument A).

Illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista’ jfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attrici zzewget meta l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u kellhom nuqqas ta’ kapacita’ li jassumu l-obbligazzjonijiet taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa kolpit b’simulazzjoni tant li l-kunsens kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Li l-konvenut, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b’mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, anke jekk minhabba raguni temporanja, setgha intelletwali jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg kontratt bejn A u B fid-29 t’Ottubru 1989 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-ligi ai termini ta’ Artikolu 19 ta’ Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jannota u jiskrivi tali nullita’ fir-rigward ta’ l-Att li jgib in-Numru ta’ Registrazzjoni 2080/1989.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fid-29 ta' Awissu, 2005 li permezz taghha l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegali fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut gie imharrek unikament ghal skopijiet ta' registrazzjoni.

3. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut B debitament notifikat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attrici u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-29 ta' Ottubru, 1989 a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenut

huwa kontumacji u ma ressaqx provi izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin "*f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-Ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu, l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju*." (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenut huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attrici jirrigwardjaw;

19 (1) (c) – il-kunsens inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li mix-xorta tieghu jista' jfixkel serjament il-hajja mizzewga;

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (h) – li l-konvenut ma kellux fiz-zmien taz-zwieg il-fakoltajiet jew rieda bizzejjed biex johloq kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attrici jidher li l-partijiet izzewgu wara li kienu jafu lill xulxin ghal sitt xhur. Il-pern tal-azzjoni attrici hija li fil-mument li zzewgu l-konvenut kien gia' qed jabbuza mid-droga izda hija irrealizzat dan biss ftit snin wara li izzewgu meta kien hemm fatturi, bhal meta sabet is-siringi u l-attegjament tal-konvenut li kien jasal id-dar tard hafna wara li johrog ma shabu u jorqod anke fuq il-mejda tal-ikel. Skond l-attrici shabu ma kienux kumpanija sabiha u uhud minnhom skond hi kienu iddrogati ghalkemm ma tatix spjegazzjoni ta' ki waslet ghal din il-konkluzjoni.

Il-Qorti pero' hija konvinta li l-attrici ma tantx kienet taf wisq fuq il-konvenut li hu ta' nazzjonalita' barranija u meta izzewgitu ma tantx kien ghad kellha opportunita' tkun taf sewwa l-karattru tieghu. Tenut kont tal-fatt li kien barrani, ma tantx lanqas kellha cans li tkun taf iktar. Il-fatt imbaghad li izzewget wara gherusija hekk qasira tikkonvinci l-Qorti li t-talba taghha ghandha tigi milqugha a bazi tal-Artikolu 19 (1) (c) fuq imsemmi. Fir-rigward tad-Direttur tar-Registru Pubbliku dan gie imharrek biss ghal skop ta' registrazzjoni u certament ma ghandux jehel spejjes.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-29 ta' Ottubru, 1989 u tordna li ssir l-annotazzjoni mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku; l-ispejjes jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------